MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Numru. 819/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Rita Forace**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Rita Forace detentrici tal-karta tal-identita` numru 52060(M).

Akkuzata talli fl-1 ta' Lulju 2013 bejn 05:00pm u 07:45pm f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommettiet serq ta' 'Cash Link Card' mahruga f'isem Maria Teresa Borg ghad-dannu tad-dirigenti tal-BOV u ta' Maria Teresa Borg u/jew persuni ohra;
2. Aktar talli fit-2 ta' Lulju 2013 ghal habta tal-10:10am mill-ATM sitwata fi Triq ir-Repubblika, Valletta, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, biex taghmel qliegh ghaliha jew ghal persuni ohra, u cioe` ghad-dannu tad-dirigenti tal-BOV u ta' Maria Teresa Borg u/jew persuni ohra;
3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettiet serq ta' Euro 220 ghad-dannu tad-dirigenti tal-BOV u ta' Maria Teresa Borg u/jew persuni ohra.

Rat l-ezami tal-imputata li fiha ikkontestat l-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju; u

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti kkunsidrat il-verzjoni tal-fatti tal-imputata li mill-ewwel stadju tal-istqarrija sal-ahhar, din dejjem baqghet wahda konsistenti. Il-verzjoni tal-imputata kienet minn dejjem li wara li hi u l-parte civile Maria Theresa Borg marru l-Casino Dragonara fl-ewwel (1) ta’ Lulju 2013 u wara li Borg tilfet somma flus hemmhekk, din staqsiet lil-imputata sabiex l-ghada tmur tigbdilha somma flus minn fuq il-Cashlink taghha u dan ghaliex ma riditx turi lill-ommha li kienet tilfet dawn il-flus ghaliex kienet tirrabja maghha.

L-ghada l-imputata hekk ghamlet, din tghid illi gibdet is-somma ta’ mitejn u ghaxar Ewro (EUR 210) u hallitilha hames Ewro (EUR5) fil-kont. Din tghid illi marret biex ittiha dawn il-flus, taghta il-“card” u qattat in-numru tal-“cashlink” quddiemha.

Illi l-unika xhieda relevanti f’dawn il-proceduri kienet tal-istess **Maria Theresa Borg** li xehdet illi hi vera li kienet tilfet somma flus il-Casino izda meta dawn hargu sabiex imorru ghal van, din Borg qalet lill-imputata li kienet tilfet il-“cashlink” u tat il-portmoni lill-imputata sabiex tfittxilha hi ghaliex ma kinitx tara sew. F’dan l-istadju ix-xhieda ta’ Borg tizvija daqsxejn ghaliex f’dan il-punt hija tallega li haditilha il-“card” izda din ma kinitx ratha. Borg tghid ukoll illi hija fdat lill-imputata bil-“pin number” taghha sabiex tmur taghlqilha l-kont u li l-istess imputata kienet qaltilha biex tmur il-Bank l-Erbgha ta’ wara. Kien hawnhekk illi hija skopriet illi kienet haditilha kollox.

Borg ikkonfermat illi hija tibza’ minn ommha u huha u ghalhekk ma kinitx tghidilhom li kienet tmur il-Casino u wisq anqas li kienet titlef. Hija xehdet ukoll li dakinhar kienet uzata l-Casino il-“cashlink card” biex tigbor xi flus izda wara ma sabithiex.

Xehdet ukoll illi waqt li kienet qed tilghab hija dejjem zammet il-basket taht idejha u l-imputata kienet gejja u sejra.

Illi jidher car illi l-parte civile, meta ndunat li kienet tilfet dawk il-flus (circa EUR 400) ippanikjat u dan ghaliex, kif qalet hi stess, kienet tibza’ hafna minn ommha u huha li jekk isiru jafu, kienu “joqtluha”. Illi fi kliem l-imputata, Borg kienet dejjem twahhal f’xi hadd li kienu serqulha l-portmoni u din id-darba kien imissha hi.

Illi l-Qorti thoss li il-verzjoni tal-parte civile Maria Theresa Borg ma kinitx wahda konsistenti ghall ahhar u ghalhekk thoss illi l-verzjoni tal-imputata, kif konfermata fix-xhieda taghha fil-Qorti hija l-aktar wahda kredibbli billi d-difiza rnexxielha tinstiga dubju ragjonevoli favur l-innocenza taghha.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata **Rita Forace** hatja tal-akkuzi kif dedotta kontriha u tilliberaha minnhom stante li ma gewx ippruvati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------